TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 274/11/GZ

**Francis Theuma**

**vs**

**A to Z T.V. Shopping**

Illum 24 ta' Jannar 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fid-9 ta' Gunju, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' hamsa u hamsin Ewro (€55.00), rapprezentanti 'steam iron' li wara ftit xhur ma baqghetx tahdem sew.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

F'Ottubru 2008 ir-rikorrenti kienet xtrat 'steam iron' minghand is-socjeta' ntimata. Wara ftit xhur din ma baqghetx tahdem u ghalhekk ir-rikorrenti cemplet lis-socjeta' ntimata sabiex tehodha lura ghat-tiswija. Rapprezentant tas-socjeta', certu Lino, kien mar ghall-'isteam iron' u hadha ghat-tiswija fl-20 ta' Mejju 2009. Minn dakinhar ir-rikorrenti cemplet lis-socjeta' ntimata diversi drabi pero' sa llum hija ghadha ma nghatatx lura l-'isteam iron'.

Ir-rikorrenti hasset ruhha aggravata b'dan in-nuqqas ta' servizz u ghalhekk qed titlob li tinghata lura jew l-'isteam iron' jew l-ammont ta' hamsa u hamsin Ewro (€55.00) li hija kienet hallset meta xtratha.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Ir-rikorrenti ezebiet kopja tal-karta li nghatat mis-socjeta' ntimata meta hadet lura l-'isteam iron' ghat-tiswija, liema karta hija ffirmata mill-istess socjeta' u datata 20 ta' Mejju 2009.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija stqarret li kienet xtrat 'steam iron' minghand is-socjeta' ntimata f'Ottubru 2008, pero' f'Mejju 2009 kien gralha l-hsara u ghalhekk hija kienet cemplet lis-socjeta' ntimata dwar dan. L-istess socjeta' kienet qaltilha li kienet ser iccemplilha lura u dana wara diversi telefonati da parti tar-rikorrenti. Meta fl-ahhar is-socjeta' ntimata kienet marret tigbor l-imsemmija 'steam iron' ghat-tiswija, kienet hadet ukoll il-garanzija u minnflok tat karta biss lir-rikorrenti bhala rcevuta. Kompliet tixhed illi sa llum il-gurnata s-socjeta' ntimata ghadha ma rritornatx l-imsemmija 'steam iron'.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, pero' stante n-nuqqas ta' prova fid-dawl tal-prezz li kien originarjament thallas ghall-'isteam iron' in kwistjoni, qed jordna lis-socjeta' ntimata tirritorna l-'isteam iron' imsewwija lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**